

# San Josemaría Escrivá

Fundatur ta' l-Opus Dei

## TALBA

*O Alla, li permezz ta' Marija Santissima mlejt b'għadd kbir ta' grazzji lill-qassis tiegħek San Josemaría, li Inti għażilt bħala strument tiegħek biex iwaqqaf l-Opus Dei, triq ta' qdusija fil-ħidma ta' kuljum u fit-twettiq tad-dmirijiet normali tan-nisrani, agħmel li jien ukoll nitgħallem nibdel kull mument u kull ġrajja ta' ħajti biex inħobb Lilek, waqt li naqdi lill-Knisja, lill-Papa u 'l-bnedmin kollha u, b'ferħ u b'sempliċità, indawwal it-toroq ta' din id-dinja bin-nar tal-fidi u ta' l-imħabba. Nitolbok li, bl-interċessjoni ta' San Josemaría, taqlagħli din il-grazzja: ...* (semmiha). Amen.

Missierna, Sliema u Glorja.

*"Fejn jinsabu x-xewqat nobbli tagħkom, fejn intom twettqu x-xogħol tagħkom u fejn ixxerrdu l-imħabba tagħkom, hemmhekk tiltaqgħu ta' kuljum ma' Kristu. Il-qdusija għandna nfittxuha f'dak li hu l-aktar materjali waqt li naqdu 'l Alla u 'l-bnedmin kollha. Għeżież uliedi, wieħed jaħseb li s-sema u l-art jiltaqgħu 'il bogħod lejn ix-xefaq. Iżda dan mhux hekk. Huma jiltaqgħu tassew ġewwa qalbkom meta tgħixu b'mod qaddis il-ħajja ta' kuljum...".*

San Josemaría Escrivá, mill-omelija "Mħabba ħerqana għad-dinja", 8-X-1967.

San Josemaría Escrivá twieled f'Barbastro ġo Spanja fid-9 ta' Jannar 1902. Ġie ordnat saċerdot f'Saragossa fit-28 ta' Marzu 1925. Nhar it-2 ta' Ottubru 1928, imnebbaħ minn Alla, waqqaf l-Opus Dei. Miet ħesrem ġewwa Ruma fis-26 ta' Ġunju 1975, wara li b'imħabba kbira ta l-aħħar ħarsa lejn xbieha tal-Madonna li kellu fil-kamra fejn kien jaħdem. L-Opus Dei kienet ġa nfirxet madwar il-ħames kontinenti b'iżjed minn 60,000 membru minn 80 nazzjon, taqdi 'l-Knisja bl-istess qima u f'għaqda sħiħa mal-Papa u l-Isqfijiet, kif dejjem għallem San Josemaría. F'Ruma, nhar is-6 ta' Ottubru 2002, il-Papa Ġwanni Pawlu II ikkanonizza lill-Fundatur ta' l-Opus Dei. Il-festa liturġika tiegħu tiġi ċċelebrata nhar is-26 ta' Ġunju.

Il-ġisem ta' San Josemaría Escrivá jinsab fil-Knisja Prelatizja ta' *Santa Maria della Pace*
*viale Bruno Buozzi, 75 – Roma.*

*Għal aktar tagħrif wieħed jista' jżur is-sit:*
*www.opusdei.org - www.josemariaescriva.info*

*Dawk li jaqilgħu grazzji bl-interċessjoni ta' San Josemaría Escrivá huma ġentilment mitluba jiktbu f'dan l-indirizz: Prelatura dell'Opus Dei – Ufficio per le Cause dei Santi – via A. da Giussano, 6*
*20145 Milano.*

*Bil-kunsens ekkleżjastiku.*